MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2012

Rikors Numru. 349/2012

**AB**
**VS**
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie guramentat mir-rikorrenti; li permezz tieghu ippremettiet:

Illi l-esponenti A B u l-intimat C B (477662M) izzewgu fit-13 ta' Lulju 1985, u z-zwieg taghhom gie registrat bl-Att taz-Zwieg numru 1195/1985 (Dokument A);

Illi minn dan iz-zwieg il-partijet kellhom tifla wahda, V B, li twieldet fid-19 ta' Gunju 1993. Hija ghalhekk maggorenni u ghandha mpjieg fiss;

Illi l-istess partijet isseparaw b'kuntratt tal-11 ta' Marzu 2004 fl-atti tan-Nutar Dottor Patricia Hall (Dokument B). B'dan il-kuntratt, l-intimat kien intrabat li jhallas lill-esponenti LM 50 fix-xahar manteniment ghaliha, u LM 150

fix-xahar manteniment ghall-bzonnijiet tal-minuri V B. Bl-istess kuntratt, huma kienu rrinunzjaw ghad-drittijiet successorji fil-konfront ta’ xulxin, u xoljew u llikwidaw il-komunjoni ta’ l-akkwisti ga ezistenti bejniethom;

Illi sussegwentement, il-minuri V B marret tghix mal-intimat, filwaqt li l-esponenti dahlet f’relazzjoni ma terz. Fic-cirkostanzi, il-manteniment pattwit fl-att ta’ separazzjoni msemmi ma baqax dovut, u lanqas baqa jithallas. Illum l-esponenti ma fadlilha tiehu xejn minghand l-intimat fir-rigward;

Illi l-partijiet ilhom jghixu mifrudin sa minn qabel id-data tas-separazzjoni legali taghhom, u ma hemm ebda prospett ghal rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi ghalhekk jezistu l-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghad-divorzju bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 66B tal-Kodici Civili;

Illil-esponenti trid li, mal-hall taz-zwieg bejnha u bejn l-intimat, hija tirriverti ghal kunjom xbubitha cioe’ ‘Zahra’;

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

(1) tordna l-hall taz-zwieg bejn il-kontendenti registrat bl-Att taz-Zwieg numru 1195/1985;
(2) tiddikjara li l-esponenti qieghda tirriverti ghal kunjom xbubitha, cioe’ ‘Zahra’;
(3) tordna lir-Registratur javza b’dan kollu lid-Direttur tar-Registru Pubbliku, li ghandu jipprocedi ghar-registrazzjoni tal-istess;

Bl-ispejjez;

Rat id-digriet taghha tal-25 ta’ Gunju, 2012;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat illi l-intimat debitament notifikat la pprezenta risposta u lanqas deher ghal dawn il-proceduri;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi zwieg jigi mahlul; u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-11 ta’ Marzu 2004 u illi gie ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi il-Qorti rat ukoll illi ir-rikorrenti ippruvat illi minn dan iz-zwieg twieldet tifla wahda illi illum hija maggorreni u ghandha impjieg fis u ghalhekk ma hemm l-ebda manteniment dovut mill-intimat;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, wara li l-Qorti rat ukoll illi ir-rikorrenti talbet li tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe’ Zahra, il-Qorti filwaqt illi tilqa din it-talba tar-rikorrenti u tawtorizzaha tirriverti ghal kunjom xbubita u cioe’ Zahra, tilqa’ t-talbiet, tordna il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------